MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 1044/2006

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)
vs
Johann Grasso
Lilkin Borg
Emanuel Zammit
Kevin Chircop

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Johann Grasso, Lilkin Borg, Emanuel Zammit u Kevin Chircop detenturi ta' karta ta' identita' numru 101989M, 135091M, 481592M u 528089M rispettivament, akkuzati talli:

Lil Johann Grasso, Lilkin Borg u Emanuel Zammit wahedhom :

a) nhar is-7 ta' Mejju 2006 ghall-habta tas-6:00 p.m. fi Vjal il-Helsien Zebbug, ikkommettew serq ta' rota ghad-

detriment ta' Kirsten Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, liema vjolenza tikkonsisti fi vjolenza numerika, bil-mezz;

lil Johann Grasso, Lilkin Borg, Emanuel Zammit u Kevin Chircop:

b) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma insistew fuqha anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma dawk ta' serq u ricettazzjoni li huma in alternattiva ghal xulxin. L-ammissjoni, li hi volontarja u nkondizjonata, hi fil-konfront tas-serq.

Ghalhekk u stante l-ammissjoni l-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(a), 262(b), 264, 277(b), 278(2) u qieset ic-cirkostanzi u l-valur tar-rifurtiva, tiddeciedi li tillibera lill-kull wiehed mill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum.

Tilliberahom mit-tieni akkuza.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilita' rispettiva lil kull imputat li tohrog minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------